MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1190/1992/2

**Joseph Sammut bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta KULiS COMPANY LIMITED**

**vs**

**John Falzon**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur nomine fis-16 ta’ Ottubru, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :
illi b'konvenju maghmul quddiem in-nutar Patrick Critien, datat 8 ta' Jannar 1992, il-konvenut pprometta u obbliga ruhu li jbiegh u jitrasferixxi lill-attur nomine il-plot numru 15 mill-art "Ta' Tuta", kuntrada Tas-Sghajtar, limiti tal-Mosta, tal-kejl ta' cirka mija u disgha u sebghin punt wiehed tlieta metri kwadri (179.13 metri kwadri), tikkonfina

mill-majjestral ma plot 14 proprjeta' ta' Joseph Vella, mill-grigal ma plot 16 proprjeta' tal-aventi kawza Vella Investments Limited, u mil-Ibic ma triq il-Htajriet, libera u frank bil-gustijiet u pertinenzi taghha kollha, u dan bil-prezz ta' sebat elef u hames mitt lira maltin (LM7500), li minnhom thallset s-somma ta' seba' mija u hamsin lira maltin (LM750) bhala kapparra, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess konvenju;

Illi fil-11 ta' Frar 1992 l-istess konvenju gie mgedded sal-ahhar ta' Marzu 1992 jew sa zmien hmistax wara li l-kuntratt jista jsir min-naha tal-Land Registry, liema jkun l-ahhar;

Illi t-terminu tal-konvenju kif stabbili skada kif jigi pruvat, u l-konvenut naqas li jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh relattiv minkejja li gie nterpellat jaghmel dan anke ufficjalment.  Dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi ghalhekk l-attur nomine ghandu dritt ghar-rifjuzjoni tal-kapparra mhallsa minnu kif ukoll ghall-hlas mill-konvenut ta' somma ohra ta' sebgha mija u hamsin lira Maltin skond il-Ligi;

Talab li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut John Falzon naqas li jersaq ghall-kuntratt ta' bejgh tal-plot numru 15 mill-art "Ta' Tuta", kuntrada Tas-Sghajtar, limiti tal-Mosta kif fuq inghad minghajr raguni valida fil-ligi;
2. konsegwentement tordna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' elf u hames mitt lira (LM1,500) rapprezentanti d-doppju tal-kapparra mhallsa mill-attur nomine;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta' Frar 1992 u tal-11 ta' Mejju 1992, kontra l-konvenut li jibqa' ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Falzon. li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi mhux minnu Ii l-konvenju de quo gie mgedded sal- "ahhar ta' Marzu 1992 jew sa zmien hmistax wara Ii l-kuntratt jista jsir minn naha tal-Land Registry, liema jkun l-ahhar" kif jallega l-attur fic-citazzjoni tieghu. L-attur jrid jissostanzja dina l-allegazzjoni billi jezebixxi l-konvenju relattiv u jindika kwalunkwe tigdid tat-terminu Ii seta sar;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenju tat-8 ta' Jannar 1992 thalla jiskadi meta I-kuntratt seta gie konkluz u pubIikat;

Illi I-kapparra Ii thallset miII-attur thalliet, fuq insistenza ta' dan, f'idejn in-Nutar Patrick Critien u l-eccipjent kien dispost Ii dawn jithallsu Iura lill-attur wara l-iskadenza tal-konvenju;

Illi t-talba attrici in kwantu tirrigwarda l-hlas tas-somma ta' Lm750 seba mija u hamsin lira rappresentanti d-doppju tal-kapparra depositata man-Nutar Critien, hija infondata fil-fatt u fid-dritt gharragunijiet fuq spjegati;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’dan il-procediment;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru, 1993 li permezz taghha il-konvenut awtorizza lill-attur nomine sabiex jirtiralu depozitu ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (LM750) maghmula ghand in-Nutar Patrick Critien skond il-konvenju tat-8 ta’ Jannar 1992 u dana bla pregudizzju ghall-mertu tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Novembru, 1993 li permezz tieghu hatret lil Dr Anthony Abela Medici bhala espert

kaligrafu sabiex jezamina l-firma li tinsab fuq id-dokument ta’ l-estenzjoni tal-konvenju a fol 17 tal-process fejn allegatament il-konvenut John Falzon iffirma l-imsemmi estensjoni tal-konvenju u jiddertermina jekk dik il-firma hijiex ta’ l-istess konvenut Falzon jew jekk hijiex firma falsifikata;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu tal-Perit Tekniku Dr Abela Medici u innominat minfloku lil Joseph Gaffiero bl-istess fakultajiet;

Rat ir-relazzjoni ipprezentata u mahlufa minn Joseph Gaffiero waqt is-seduta tad-19 ta’ Mejju 2005;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ l-attur nomine tat-3 ta’ Awissu, 2007 u rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-konvenut tal-24 ta’ Dicembru, 2007;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-8 ta’ Jannar 1992 il-partijiet ghamlu konvenju quddiem in-Nutar Patrick Critien li permezz tieghu il-konvenut ipprometta illli ibiegh u jittrasferixxi lill-attur nomine il-plot numru 15 mill-art Ta’ Tuta, tas-Sghajtar, limiti tal-Mosta u dana ghall-prezz ta’ sebgha telef u hames mitt lira Maltin (LM7,500), li minnhom thallset is-somma ta’ seba mija u hamsin lira (LM750) bhala kapparra bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess konvenju.

Rat illi l-attur nomine qieghed isostni illi fil-11 ta’Frar 1992 dan il-konvenju gie imgedded sal-ahhar ta’ Marzu, 1992 jew sa zmien hmistax wara li l-kuntratt setgha isir minn naha tal-Land Registry, liema jkun l-ahhar. L-attur isostni illi huwa ghandu dritt ghar-rifuzzjoni tal-kapparra imhallsa minnu, kif ukoll ghall-hlas lill-konvenut ta’ somma ohra ta’ seba’mija u hamsin lira Maltin (LM750).

Illi l-konvenut da parti tieghu isostni illi mhuwiex minnu illi l-konvenju gie imgedded sal-ahhar ta’ Marzu, 1992 u wara illi ra vera kopja fotostatika ta’ l-imsemmi tigdid tal-konvenju; liema kopja tinsab a fol 17 tal-process xehed illi dik mhijiex il-firma tieghu u kien ghalhekk illi l-Qorti hatret lil Dr Abela Medici u sussegwentement issostitwietu b’Joseph Gaffiero bhala perit tekniku sabiex jistabilixxi jekk dik il-firma li tidher fuq l-imsemmi tigdid tal-konvenju hijiex verament tal-konvenut, jew inkella hijiex firma falsifikata.

Illi xehed in-Nutar Patrick Critien fis-seduta tat-22 ta’ Novembru, 1993 u qal illi effettivament John Falzon, il-konvenut kien iffirmalu l-extension tal-konvenju u dana fid-dawl tax-xhieda ta’ l-istess konvenut illi xehed illi il-firma li tidher fl-extension tal-konvenju ma kienitx il-firma tieghu, ikkonferma illi kien prezenti u iffirma il-konvenju tat-8 ta’ Jannar 1992, ikkonferma wkoll illi kien irceva zewg ittri ufficjali minghand Dr Lia ghan-nom ta’ l-attur, izda sostna illi huwa qatt ma iffirma l-ebda extension tal-konvenju u qal illi l-firma li tidher fl-imsemmi extension zgur li mhijiex tieghu.  Il-konvenut xehed ukoll illi kien iltaqa man-Nutar f’diversi okkazzjonijiet, izda qatt ma iffirma il-konvenju. Huwa ikkonferma wkoll illi n-Nutar Patrick Critien huwa n-Nutar li normalment juza.

Ikkunsidrat :

Illi n-Nutar Patrick Critien rega’ xehed, ikkonferma illi l-konvenju kien kitbu hu, u fir-rigward ta’ l-extension tal-konvenju illi allegatament saret fis-17 ta’ Frar, 1992 huwa ikkonferma illi l-attur kien iffirma fl-ufficju tieghu waqt illi xehed illi ma jahsibx illi l-konvenut kien iffirma fl-ufficju tieghu u jista jkun illi xi darba kien iltaqa mieghu darba fit-triq, kien hareg il-konvenju mill-bagalja tieghu u il-konvenut kien iffirmalu l-extension fit-triq.  Huwa xehed illi l-konvenut kien iffirma din l-extension xi gimgha, jew gimghatejn wara d-data tas-17 ta’ Frar 1992.  In-Nutar Critien xehed illi kien cempel diversi drabi lill-konvenut sabiex jigi jiffirma l-extension tal-konvenju, gieli sabu u gieli ma sabux.  Kienu ftehmu biex jippubblikaw il-kuntratt il-bank u l-attur u n-Nutar kienu marru l-bank, kien gie

wkoll is-sensar, izda il-konvenut ma kienx gie. Waqt it-trattativi sabiex jigi ippubblikat il-kuntratt kien sar diskors sabiex jigi emendat xi ftit il-prezz, u il-konvenut kien anke anzjuz illi l-kuntratt ma jsirx fil-prezenza ta’ Dr Lia. Sussegwentement in-Nutar xehed illi l-konvenut iffirmalu l-extension tal-konvenju fit-triq il-Belt Valletta, izda ezattament ma jistax jiftakar fejn.

Illi l-attur ikkonferma x-xhieda tan-Nutar Critien fis-sens illi huwa, jigifieri l-attur kien iffirma l-extension tal-konvenju fl-ufficju tan-Nutar u meta hu iffirma l-extension tal-konvenju il-konvenut kien ghadu ma iffirmax. L-attur xehed illi xi granet wara li kien iffirma l-extension tal-konvenju kien cempel lin-Nutar li kien ikkonfermalu li l-konvenut kien mar ghandu u gedded il-konvenju. Izda qal illi ma jafx jekk il-konvenut kienx mar ghand in-Nutar, jew inkella jekk in-Nutar kienx iltaqa mal-konvenut x’imkien. Izda kien jaf zgur li l-konvenju kien gie estiz skond dejjem ma kien qallu n-Nutar Critien. L-attur kompla jixhed illi n-Nutar kien infurmah illi kien hareg il-permess tal-Land Registry u ghalhekk il-kuntratt setgha jigi ippubblikat u ghalhekk hu kien ghamel appuntament man-Nutar sabiex imur l-ufficju tan-Nutar u jigi ippubblikat il-kuntratt, izda il-konvenut ma kienx gie u l-appuntament thassar. Anzi in-Nutar kien qallu biex ma jmurx ghaliex il-konvenut kien cempillu u qallu li ma setghax jattendi. Sussegwentement in-Nutar infurmah illi l-konvenut ma xtaqx jiehu flus cash fuqu u ghalhekk sar suggeriment illi l-kuntratt jigi ippubblikat il-bank stess. Fil-fatt l-attur kien irranga cheque bankarju u mar ghall-appuntament li kien ftiehem man-Nutar, baqghu jistennew, izda il-konvenut ma tfaccax. In-Nutar issuggerixxa li jmorru d-dar tal-konvenut, imma meta marru hemm hekk il-konvenut ma kienx id-dar u ghalhekk l-attur kien avvicina lill-avukat tieghu u inkarigah sabiex jikteb lill-konvenut u skond l-attur il-konvenut kien cempillu u qallu li kien dispost li jaghmel il-kuntratt, izda ma riedx li jkun hemm prezenti l-Avukat Lia. L-attur accetta u kienu irrangaw appuntament fl-ufficju tan-Nutar Tas-Sliema, izda dan l-appuntament qatt ma sar ghaliex il-konvenut qatt ma ried jaghmlu l-appuntament. L-attur kompla jixhed illi l-konvenut kien talbu mitt lira (LM100) aktar, hu kien accetta li jaghtihomlu, izda l-avukat tieghu kien qallu

biex ma jaghtihomlux. Sussegwentement kien skada il-konvenju u l-konvenut ma kienx hallsu il-kappara tas-seba’ mija u hamsin lira (LM750) u lanqas ma resaq ghall-kuntratt. L-attur kompla jixhed illi sussegwentement kien sar jaf illi l-art in kwistjoni ma kienitx tal-konvenut biss, izda kienet ta’ xi persuni ohrajn, u n-Nutar kien qallu illi l-konvenut kien ser jixtri l-oqsma l-ohrajn, umbaghad kien ser jaqleb l-art kollha fuq l-attur direttament.

Ikkunsidrat :

Illi rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Gaffiero illi uza, sabiex jaghmel ir-rapport tieghu, is-sitt kampjuni illi kien ha Dr Abela Medici fis-’sample forms’ immarkati FG1 u FG2, li taghhom ghamel xhud huwa stess. Il-Perit Tekniku Joseph Gaffiero uza dawn is-sitt kampjuni sabiex maghhom jaghmel l-istudju komplarattiv tal-firem li jidhru a fol. 17 tal-process.

Illi Joseph Gaffiero wasal ghall-konkluzzjoni illi meta ipparaguna l-ewwel firma li taqra J Falzon mal-kampjuni li iddiskriva aktar ’il fuq fir-rapport tieghu sab li dina ghandha l-karatteritici kollha tas-soltu, u li huma sinonimi ma John Falzon. M’hemm l-ebda dubju allura li l-firma ta’ taht il-konvenju hija genwina u maghmula mill-istess John Falzon li jgib numru ta’ identita 660730 M. Meta ipparaguna it-tieni firma li taqra ’John Falzon’ mal-kampjuni, irrizulta dan li gej :
“It-tifsila u l-forma tal-“J“ kapitali m’ghandha x’taqsam xejn u l-aspett taghha huwa differenti mill-“J“, kif tinzel ghall-“f“ huwa wkoll varjat u osserva li l-“f“ tinzel ghall-“a“ b’gongitura li fl-originali ma tezistix. Ix-shape ta’ l-“l“ huwa zbaljat fis-sens li d-dahar jinzel b’kurva mentri l-genwin huwa dritt. Iz-“z“ m’ghandhiex x’taqsam u xejn inqas l-ahhar ’on’ li huma imfassla totalment differenti minn dawk genwini. Din il-firma ikkonkluda bla ebda dubju li hija falza u mhux maghmula minn John Falzon ta’ I.D. nru. 660730(M). Jidher bic-car li min ghamilha pprova jikkopja mill-originali u falla kompletament.“

Illi ghalhekk il-Perit Tekniku ikkonkluda illi l-firma tal-konvenut fuq il-konvenju hija genwina, izda il-firma li tidher

fuq l-extension tal-konvenju tal-konvenut John Falzon hija falza.

Illi l-espert tekniku semma ukoll ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' Joseph Falzon iben il-konvenut John Falzon illi cahad kattegorikament illi missieru kien iffirma l-extension tal-konvenju u qal illi dik hija firma falza, izda huwa ikkonferma illi huwa ma kienx prezenti meta saret l-allegata firma fuq l-extension tal-konvenju.

Illi l-espert tekniku sema' ukoll lin-Nutar Dr Patrick Critien, illi xehed illi il-konvenut iffirmalu l-extension tal-konvenju f'xi triq il-Belt Valletta.  Mistoqsi ghaliex fit-22 ta' Novembru 1993 kien xehed ghar-rigward ta' l-extension illi saret fis-17 ta' Frar, 1992 huwa qal hekk: "jien nista nikkonferma li s-Sur Sammut kien iffirma l-ufficju tieghi filwaqt li ma nahsibx illi s-Sur Falzon kien iffirma l-ufficju tieghi u jista jkun li darba iltqajt mieghu barra fit-triq u kont semmejt l-extension u kont hrigt il-konvenju mill-bagalja tieghi u kien iffirmali fit-triq."

Mistoqsi ghaliex dakinhar kien uza l-kliem jista jkun u issa kien qieghed jghid illi cert u allura mistoqsi liema verzjoni hija dik korretta, in-Nutar Critien wiegeb dawk kienu ic-cirkostanzi cioe' li iffirmali fit-triq.  Din ix-xhieda in-Nutar Critien taha waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju, 2002.

Ikkunsidrat :

Illi n-Nutar Critien rega' xehed fil-31 ta' Mejju 2007, gie mgharraf bil-konkluzzjonijiet ta' l-espert tekniku Joseph Gaffiero u gie mistoqsi x'kellu xi jghid dwar dan.  Dakinhar in-Nutar Critien rega' xehed illi jiftakar mija fil-mija illi l-partijiet ma kienux iffirmaw l-extension tal-konvenju flimkien, izda iffirmaw it-tnejn fil-prezenza tieghu. In-Nutar Critien xehed illi l-konvenju huwa qatt ma kien telqu minn idejh u mistoqsi dwar il-konkluzzjoni tal-espert tekniku Gaffiero, in-Nutar xehed illi jista jkun illi l-firma ta' erbatax il-sena ilu ma tibqax il-firma tal-lum il-gurnata.  In-Nutar Critien rega' ikkonferma illi l-konvenut iffirma l-extension tal-konvenju fil-prezenza tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur nomine, wara illi ra r-rapport ipprezentat mill-perit tekniku Joseph Gaffiero, ma ghamel l-ebda domandi in eskussjoni lill-perit tekniku, ma ipprezenta l-ebda nota ta' kritika u lanqas ma talab ghall-hatra ta' perit addizzjonali, izda fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jikkritika l-kapacitajiet teknici tal-imsemmi perit tekniku.

Il-Qorti wara li ezaminat sew l-imsemmi rapport tal-perit tekniku ma tarax ghalfejn ghandha tiddepartixxi mal-konkluzzjoni li ghaliha wasal l-imsemmi perit tekniku u ghaldaqstant qeghda taddotta dan ir-rapport u taghmlu bhala taghha.

Ikkunsidrat :

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jissottometti illi anke li kieku ghall-grazzja ta' l-argument il-firma fuq l-estenzjoni tal-konvenju mhijiex dik tal-konvenut, xorta wahda jezisti l-konvenju originali, l-attur kien interpella lill-konvenut ufficjalment darbtejn sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, l-ewwel b'ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 1992 u sussegwentement b'ittra ufficjali ohra tal-11 ta' Mejju 1992 u dan huwa ikkonfermat mill-istess konvenut u kien sar ukoll appuntament biex jigi ippubblikat il-kuntratt qabel id-data ta' l-estenzjoni tal-konvenju u ghalhekk ghandu japplika l-Artikolu 1359 tal-Kodici Civili u illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-sebgha mija u hamsin lira (LM750) li l-attur hallas bhala kapparra fuq il-konvenju u ghandu japplika ghalhekk id-disposizzjoni tal-Artikolu 1359 tal-Kodici Civili fis-sens illi l-konvenut ghandu jizborza d-dopju ta' dak li irceva minghand l-attur u cioe' s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) u dana peress illi s-somma illi hallas l-attur fuq il-konvenju kienet kapparra u mhux depozitu.

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu anke kif jirrizulta mill-verbal imsemmi ta' din il-Qorti il-konvenut qabel illi l-attur ghandu jiehu s-somma ta' sebgha mija u hamsin lira (LM750) illi huwa

kien iddepozita ghand in-Nutar Patrick Critien meta gie iffirmat il-konvenju.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami tal-konvenju iffirmat fit-8 ta’Jannar 1992 jirrizulta illi l-attur halla s-somma ta’ sebgha mija u hamsin lira (LM750) bhala kapparra.

Illi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi l-firma fuq l-extension tal-konvenju mhijiex il-firma tal-konvenut u dan ghar-ragunijiet kollha kif imsemmija mill-Perit Tekniku Joseph Gaffiero fir-relazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern il-konvenju gie iffirmat fit-8 ta’ Jannar 1992, ma saret l-ebda estenzjoni ta’ dan il-konvenju u dan il-konvenju allura skada fil-21 ta’ Frar 1992.

Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 ta’ Frar 1992 il-konvenut gie interpellat mill-attur sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Il-konvenut ma resaqx ghall-att finali, izda l-attur ma ipprocedix b’kawza sabiex igieghel lill-konvenut jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali u c-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fis-16 ta’ Ottubru 1992 u ghalhekk il-konvenju tat-8 ta’Jannar 1992 kien skada. L-attur qieghed isostni illi la darba fil-kaz odjern huwa hallas somma bhala kapparra allura ai termini tal-Artikolu 1359 tal-Kodici Civili ma kien hemm l-ebda htiega ta’ interpellazzjoni stante illi l-kapparra hija ta’ natura penitenzjali u thalli lill-partijiet liberi illi jehilsu mill-obbligazzjoni billi jitilfu l-kappara moghtija jew jizborzjaw id-dopju ta’ dik gja ricevuta. Il-Qorti rat f’dan is-sens sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-1 ta’ Frar 2008 fl-ismijiet “Gloria Pont vs J. L. J. Construction Company Limited” fejn il-Qorti qalet illi :
“Konvenju ma jibqax fis-sehh biss ghax tintbaghat l-ittra ufficjali prevista fl-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili. Kif osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Del Negro vs Grech, deciza fl-10 ta' Jannar 1994, "L-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 jippreskrivi li l-effett ta' weghda ta' bejgh jispicca

meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghal hekk ... kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju ipprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien. Biex konvenju jinzamm fis-sehh hemm zewg proceduri li jridu jittiehdu, u jekk ma jittiehdux it-tnejn, il-konvenju jiskadi anke bhala titolu ta' obbligazzjoni. Meta konvenju jiskadi l-partijiet iridu jirrevertu ghall-istat antecedenti ghall-istess konvenju u allura min ikun se jbiegh jirritorna kull depositu li jkun ircieva."

Il-Qorti ta' l-Appell kompliet tghid illi f'din is-sentenza tal-1 ta' Frar, 2008 illi :
"L-effett ta' l-ittra ufficjali mhux dak sottomess mis-socjeta` konvenuta. L-effett ta' l-ittra ufficjali hu biss biex jestendi l-effetti tal-konvenju ghal perijodu ta' xahar, pero`, qabel ma jiskadi dan it-terminu hekk imgedded, biex il-konvenju jibqa' jgorr l-effetti tieghu, trid issir il-kawza opportuna kif trid il-ligi.

Kwindi biex is-socjeta konvenuta tinvoka l-konvenju bhala t-titolu ghaz-zamma tad-depozitu, kellha tipprezenta l-azzjoni fejn titlob it-twettiq tal-weghda, u sta ghall-parti l-ohra tipprova jew tehles mill-obbligazzjoni billi turi kawza gusta, jew taccetta li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt jew li titlef id-depozitu."

Illi ghalhekk la darba ma gietx ipprezentata il-kawza fi zmien stipulat fl-Artikolu 1357 (2) tal-Kap. 16 l-effett tal-weghda spicca u l-ftehim irid jitqies illi qatt ma sar u l-partijiet iridu jirritornaw ghall-posizzjoni li kienu fiha ezattament qabel ma sar il-ftehim u ghalhekk jitqeghdu fl-istatus quo ante. Kwindi il-Qorti tara illi l-attur nomine ghandu biss id-dritt illi jiehu lura is-somma ta' seba' mija u hamsin lira (LM750), ekwivalenti ghal elf seba' mija u sebgha u erbghin euro u tlett euro centezmi (€1747.03)

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa l-

eccezzjonijiet kollha tal-konvenut qeghda tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------